# Il-5 ta' Diċembru 1630

## J.A.Deacon - President Socjetà Don Filippo Borgio

Il-5 ta' Dicembru hija data memorabbli u storika ghal dawk il-karkarizi li ghandhom ghal qalbhom il-wirt kulturali storiku u religjuż ta' Birkirkara. F'dan il-jum twaqqfet f'Birkirkara,fil-knisja ta' l-Assunta,vulgo "il-qadima" l-ewwel kolleġġjata bl-ewwel statuti fil-gżejjer tagħna. Kien il-maħbub Papa Urbanu VIII (1623-1644) li laqa' t-talba u x-xewqa tal-qatt minsi Dun Filippu Borg (1567-1649) iżda biex dan seta' jseħħ kien meħtieġ li Dun Filippu jħalli parti minn ġidu bħala dota. Sar kuntratt bejn is-Santa Sede u Dun Filippu u t-tnejn aċċettaw il-kundizzjonijiet!

Wiehed jistaqsi bir-raġun: "Min kien dan Dun Filippu Borg?". Dun Filippu twieled fl-1567. Mill-1583 sal-1585 insibuh għalliem u surmast fl-iskola ta' l-Imdina. Ħabrek fl-istudji tiegħu tant li fis-sena 1588 kien diġà dutur fiż-żewġ liġijiet, dik ekkleżjastika u dik ċivili (JUD). Hu qaddes fit-18 ta' Settembru 1593 u għalkemm ta' eta' zgħira kien illawrjat fit-Teoloġija Imqaddsa (S.Th.D.). Ftit xhur wara fis-7 ta' Frar 1594, sar Kappillan ta'waħda mill-akbar parroċċi kif ukoll ta' waħda mill-iżjed importanti, dik ta' Birkirkara.

Fi żmien l-isqof Gargallo kien Vigarju Ġenerali (1604) u għal darbtejn Pro-Inkwiżitur f'dawn il-gżejjer (1621,1627). Persuna importanti fid-Djoċesi ta'Malta kien eżaminatur,Protonotarju Appostoliku, Konsoltur tas-Sant'Uffizzju imma fuq kollox kien "patrijott" għax meta l-Gran Mastru Alof Wignacourt (1601-1622) offrielu d-dekant tal-katidral, Dun Filippu ma riedx jinfired minn ħutu l-Karkariżi bħal ma huma ma riedux jinfirdu minnu! Huwa waqqaf il-Kolleġġjata Elenjana (1630) fi żmien l-isqof B.Cagliares (1615-1633) biex joktor il-ġid spiritwali, u n-nies tkun moqdija iżjed, kif ukoll biex jagħti unur u gieħ lill-art twelidu .B'imħabbtu għal Birkirkara huwa ħabrek biex il-Kolleġġjata titwaqqaf "Nullius Dioceseos" u tkun suġġetta direttament lejn is-Santa Sede i.e. Ruma. U għax kien patrijott fil-veru sens tal-kelma, ried li l-Kolleġġjata tkun meħlusa mid-dwiefer tal-barrani għax dak iż-żmien kemm l-isqof,l-inkwizitur kif ukoll il-Gran Mastru kienu barranin. Kienet ukoll ir-rieda tieghu li "jekk xi darba fil-ġejjieni il-kuntratt jinħalli minn xi ħadd għal xi raġuni jew oħra il-beni u l-flus li Hu kien ħalla bħala dota lill-Kolleġġjata , jerġgħu jmorru lura għand ħutu l-Karkariżi ". U ghax il-Kolleġġjata twieldet sabiħa , qamu l-irwiefen kollha kontra tagħha u mhix ħaġa kbira li l-istorja terga' tirrepeti ruħha! Iżda sal-lum il-Kolleġġjata għadha hemm biex tgħid l-istorja tal-wirt kulturali u reliġjuż tagħha f' egħluq it-360 sena minn twelidha.

Monument ieħor li jfakkarna f'dan il-bniedem kbir hija l-Knisja l-qadima "ġawhra ta' l-arkitettura " li qdiet il-poplu Karkariż bħala t-tielet knisja parrokjali sas-sena 1745 meta oħtha dik ta' Santa Liena bdiet tiffunzjona u taqdi l-ħtiġijiet ta' Birkirkara. Meta xi darba r-restawr jitkompla Birkirkara tkun tista' tiftaħar li għandha opra grazzjuża ta' Tumas Dingli (1591-1666) u waħda miż-żewġ knejjes li fadallu dan l-arkitett li ma sarx tibdil fihom. F'din il-knisja monument ħaj tal-fidi u kultura qed jistrieħ il-fdal ta' dan il-qassis patrijott li miet fit-8 t'Ottubru 1649.

B'turija ta' imħabba lejn dan il-wild Karkariż, is-soċjeta' Don Filippo Borgia (1936) mandatarja leġittima tal-poplu Karkariż issemmiet GĦALIH.

**IL-BOLLA URBANA**

Il-Bolla Urbana hija miktuba b'karattru gotiku fuq il-parċmina u tinsab ma' dokumenti oħra fl-Arkivji Kapitulari. Kopji tagħha jinsabu fl-Arkivju tal-Kattidral fl-Imdina, fil-Bibljoteka Nazzjonali u fl-Atti Notarili tan-Nutar Ferdinandu Zarb. Din ġiet mogħtija

f'Ruma minn Santa Maria Maggiore fis-sena ta'l-Inkarnazzjoni tas-Sinjur 1630 fil-5 ta'Diċembru fit-tmien sena tal-Pontifikat ta'l-istess Papa.

Traduzzjoni ta' din il-bolla wiehed jista' jsibha fl-istorja ta'Birkirkara ta' l-istoriku E.B.Vella fil-Birkirakara Progressiva tat-18 ta'Awissu 1957, fil-Ktieb dwar il-Knisja ta' S.Elena mill-Kan. Vinċenz Buhagiar u siltiet oħra f'kotba differenti.

Għalkemm hija xi ftit twila, hija sabiha u interessanti ħafna, specjalment għal min għandu għal qalbu l-kolleġġjata Elenjana. Fuq fuq u fil-qosor nagħti xi tagħrif dwar il-kontenut.

Wara li Dun Filippu jkun għamel id-donazzjoni, il-knisja ta' Santa Marija fejn sar it-twaqqif ta'din l-ewwel kolleġġjata bl-ewwel statuti fil-gżejjer Maltin bdiet tissejjaħ bl-isem ta' Kolleġġjata. Tajjeb li wieħed jinnota li din il-Kolleġġjata twaqqfet ġuridikament suġġett biss lejn is-Santa Sede. Fiha "ssir prepożitura li tkun dinjita' ewlenija u weħidha u tnax il-kanonikat."

Wieħed ma jistax iħalli għaddej "id-dinjita' ewlenija" li tfisser l-ogħla u l-iżjed importanti. Il-Papa ried li "l-post ta'vigarju għal dejjem biex jieħu ħsieb il-maħbubin ulied ta' dik il-paroċċa u li jaqdi d-dmirijiet u x-xogħol kollu ta'kappillan" u dan kellu jkun magħzul mill-isqof. L-għixien tiegħu jkun mid-dħul ta'l-istess kariga.

Il-Gran Mastru ġie mogħti xi setgħat fil-kanoniċi li kellhom igawdu l-istess privileġġi ta' l-Ordni Gerosolmitan. Għal xi raguni li jafu huma biss, il-Kapitlu qatt ma għamel użu minn din id-dekorazzjoni u lbies, u meta fl-antik (1853) kien hemm xi individwi li libsuha l-Kapitlu dejjem oġġezzjona. Iżda inkomplu fuq il-bolla li ssemmi b'mod ċar ir-rispett tal-Papa ghar-rieda tal-Fundatur. Kemm il-Prepostu kif ukoll il-Kanonici kellhom isiru skond din ix-xewqa. Hawn jiġu preferuti niesu mill-familja Borg imwielda f'Birkirkara, imbagħad il-Karkariżi u jekk ma jkunx hemm minn dawn isiru dejjem jekk riedu minn Malta kollha. Il-Papa jgħid lill-Inkwiżitur "Qegħedhom dritt taħt is-setgħa tagħna u tal-Papa li jkun, u ta' l-imsemmija Sede Appostolika u ilaqagħhom taħt il-protezzjoni ta' San Pietru u ta' l-istess Sede Appostolika"

Il-Papa jrid li dawn ikollhom l-ilbies tagħhom u jgħid"Għandhom ukoll is-setgħa li jistgħu jġibu l-kappa vjola bl-ermellin aħmar bis-salib imsemmi (ta'8 ponot ) fis-sejf u bil-pelliċċa bajda fix-xitwa".
Ried ukoll l-istess Papa li jkollhom il-liġijiet biex tista' titmexxa tajjeb it-treġija tal-Kolleġġjata.

Fost id-dmirijiet tal-Kanoniċi dawn "kellhom jagħmlu kull jum fil-knisja Koleġġjata l-uffizju ta' bin-nhar u ta' bil-lejl u quddiem kantata jew konventwali u oħrajn .......ikantaw l-uffizzji divini......... li għandhom iservu ssewwa lill-istess Kolleġġjata" Dawn il-kanoniċi "magħżulin kif għedna għandhom qabel l-istituzzjoni juru b'sura li tiswa, it-twettiq ta'l-isqof tal-post fuq l-għerf,ħajja u d-drawwiet tagħhom".

Dwar min għandu jagħzel il-kanonici il-papa jgħid: " ....l-għażla ta' dawn (il-kanonċi) kollha tmiss lill-Kapitlu u lill-kanonċi ta' l-imsemmija kolleġġjata, u din għandha ssir bil-voti sigrieti kull darba li jonqos xi wiehed....." Dan hu l-ġuspatronat li fl-opinjoni tiegħi jidher li ntilef bhal ma ndaħnu affarijiet oħra, ħtija mhux ta' żminijietna, iżda ta' kulħadd.

Din il-Bolla bil-fundazzjoni tagħha nsejhulha 'Filippina' u hija xhiedha ħajja ta' l-imħabba u rispett li Mons Fiippu Borg - fundatur, kellu lejn Santa Liena u lejn art twelidu. X'ġie wara l-Bolla tgħidilna din il-istorja fuq fatti li ġraw:

DIN
L-imqaddsa Kolleġġjata
Twieldet kbira
Fil-qagħda w fiş-sura
Imżejna b'Dik is-Sedja
Tal-Prepositura.

Ħtija ta'l-għira
L-inkwiet ma naqas qatt
Minn x'uħud li xtaqu
U ħadmu biex jinħatt
Dak li nbena
Mill-Kbir Borgia,
U dak li żdied
Fi tlitmija w sittin sena.

Baldass Armato

Tul dawn it-tliet mija u sittin sena il-Papiet komplew sebbħu il-Kolleġġjata. Għalhekk wara Urbanu VIII insibu lil Innoċenz XII (l691-1700) iwaqqaf l-Arcipretura fl-1692 lil Klement XI (1700-1721) li jgħid li l-Kanoniċi jagħmlu biss "inkin"lill-isqof bħal dawk tal-katidral, lil Benedettu XIV (1740-1758) biex għaqqad il-Prepożitura ma' l-Arċipretura fl-1751 b'bolla oħra li kompliet żejnet lill-Kolleġġjata. Piju IX(1846-1878) deherlu li kien għad fadal xi ħaga nieqsa u ta' titlu ta'nsigni u żejjinha bid-dinjita` tad-dekanat u bis-salib pettorali. Ljun XII (1878-1903) deherlu li kien ikun isbaħ salib veskovili fuq sider l-Elenjani. Il-Qaddis Piju X (1903-1914) żejjen lill-Kapitlu bl-użu tal-mazza bħala simbolu ta' awtorita' u Piju XII ta t-titlu ta'Bażilika Minuri.

Fost l-isqfijiet wieħed ma jistax ma jsemmix lill-isqof Mikiel Ġlormu Molina li meta l-Kolleġġjata kienet fl-inkwiet ippropona lis-Sagra Kongregazzjoni ta' l-isqfijiet biex din issegwi ix-xewqa tal-maġġoranza għax qallhom li l-poplu Karkariż għandu imħabba kbira lejn il-Kolleġġjata u din ma għandhiex tintafa' fil-ġenb . Bħalu insemmu lil Vinċenz Latini, Pace Forno, Pietru Pace, Ant.Buhagiar, Mikiel Gonzi u fl-aħħarnett lill-Arċisqof Ġ. Mercieca li fl-Akkademja li saret f'1978 stqarr li ħa pjaċir għax "intom kburin b'missirijietkom" Altru li hekk hu u l-ewwel fost missirijietna huwa l-Fundatur F.Borg li għalina nqisuh "missier beltna Birkirkara".

"Minn qalbi toħroġ tislima - qadima Kolleġġjata
U nawgura ma' Wliedek mijiet oħra ta'snin
Biex il-Kanoniċi Fik jitqaddsu u jfaħħru
U hekk mill-kbir Ħallieq niġu mberkin."
Nikol Vella Apap

Illum din il-Kolleġġjata saret parti mill-kultura tal-poplu Karkariż. Kull Karkariż għandu jkollu rispett lejn art twelidu u din għandu juriha waqt il-prova. Inżommu mħabbitna lejn S.Elena, lejn Birkirkara b'dak kollu li fiha, minquxa f'moħħna u f'qalbna u ma għandniex nistħu nuruha u hawn ma nistax ma nikkwotax lil Profs. Oliver Friġġieri :- "Jarmuna l-barranin, meta narmu lilna nfusna . Ma jisimgħuniex meta ma ningħaqdux f'leħen wieħed. Iżda jistmawna l-barranin, meta nistmaw lilna nfusna"

Viva S.Elena u B'Kara
Viva l- Kolleġġjata Elenjana